KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

*Kap tal-Oppożizzjoni* *Leader of the Opposition*

**L-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni Bernard Grech jipproponi:**

Peress li fis-seduta numru 436 ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Marzu 2021 ingħata *ruling* mill-Ispeaker li fih iddeċieda li "*Għalkemm is-Sedja tifhem illi l-Onor. Chris Fearne għadda żewġ ismijiet lill-Kap tal-Oppożizzjoni ftit qabel ma l-istess Kap tal-Oppożizzjoni qajjem il-ksur ta' privileġġ fl-istess seduta tat-3 ta' Marzu 2021, l-ebda wieħed minn dawn l-ismijiet li rreferew għalihom kemm id-Deputat Prim Ministru Chris Fearne kif ukoll l-istess Kap tal-Oppożizzjoni ma ssemmew fis-seduta li kienet għadejja. Għaldaqstant, il-fatt li l-ebda Membru tal-Kamra ma huwa identifikabbli peress li l-ebda Membru ma ssemma fis-seduta tat-3 ta' Marzu, is-Sedja ma tarax li dak li ġara fil-Kamra jammonta għal ksur ta' privileġġ fil-konfront ta' xi persuna identifikabbli.*";

Peress li t-talba għal-imsemmi *ruling* li saret minni ma kienitx dwar l-ismijiet infushom li l-Onor. Chris Fearne allega li kien għadda lili iżda dwar il-fatt li l-Onor. Chris Fearne bidel dak li jien kont għidtlu f'diskussjoni li kellu miegħi. Infatti jien ċiħad dak li allega l-Onor Fearne li jien għidtlu li jiena kont naf min kien id-deputat li talab li jabeż il-kju għall-vaċċin u li kont tajtu xi parir biex ma jaqbiżx il-kju ta' meta jmissu jieħu l-vaċċin. Wara l-Ministru Fearne ukoll aċċetta u ammetta li l-verżjoni tiegħi ta' dak li ntqal kienet korretta.

Peress li mill-imsemmi *ruling* jirriżulta b'mod ċar li l-Ispeaker ma ddeċiediex dwar it-talba għal *ruling* magħmula mill-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni Bernard Grech waqt is-seduta numru 435 ta' nhar l-Erbgħa 3 ta' Marzu 2021 u minflok l-Ispeaker għadda biex ta *ruling* dwar affarijiet oħra tal-għażla tiegħu;

U peress li l-Ordni Permanenti 62 jipprovdi li kull membru jkun jista' b'mozzjoni magħmula wara avviż u fi żmien jumejn mill-għoti ta' dik id-deċiżjoni, jagħmel mozzjoni li dik id-deċiżjoni tal-Ispeaker tiġi riveduta u li jsir rapport fuqha mill-Kamra u li dak ir-rapport għandu jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra;

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li r-*ruling* tal-Ispeaker li ngħata fis-seduta numru 436 ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Marzu 2021 għandu jiġi rivedut u jsir rapport fuqu mill-Kamra u li dak ir-rapport jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra.

**L-Onor. Bernard Grech**

10 ta' Marzu 2021